Julie Bellinkx
Melanie Louwerens

Din hija publikazzjoni minn
AMBER Alert Europe Foundation

# L-AVVENTURA TAL-FENEK

**Storja dwar kif għandek tisma' mill-kuxjenza u żżomm lilek innifsek sikur**

# Colophon

Copyright © 2023 AMBER Alert Europe Foundation

www.amberalert.eu

Awtur: Julie Bellinkx

Illustrazzjoni u disinn: Melanie Louwerens

Ħajr speċjali lil: Drs. Evelien Speel-Flierman (Child and youth psychologist NIP, GSZ psychologist BIG), Kirsten van den Berg (Behavioral scientist), Mariska Custers (Psychologist), Nele Geerts (Illustrator), Carlo Schippers (Former missing persons expert at the Dutch Police), Dr. Arine Vlieger (Pediatrician)

L-ebda parti minn din il-pubblikazzjoni ma tista' tiġi riprodotta, maħżuna f'sistema ta' rkupru, jew trażmessa fi kwalunkwe forma jew bi kwalunkwe mezz, elettroniku, mekkaniku, fotokopju, irrekordjar jew mod ieħor, mingħajr il-permess tal-Pubblikaturi.

# L-AVVENTURA TAL-FENEK



Ħarġet ġurnata sabiħa f'Harefield.
Ix-xemx qed tiddi.
Il-Fenek u l-ħabib tiegħu l-Qanfud qed jiġru fil-ħaxix.
Waqt li qed jidħku u jilagħbu, il-ħaxix beda jagħrxilhom żaqqhom.



F’daqqa waħda, il-Fenek waqaf imħasseb.
Dejjem jilgħab fl-istess għalqa, bl-istess ħaxix jagħraxlu żaqqu.

“X’ġara?” jistaqsi l-Qanfud lill-Fenek, imħasseb.
“Nixtieq nilgħab xi mkien ieħor.” qallu l-Fenek.
“Xi mkien fejn qatt ma mort qabel.”
Għajnejn il-Qanfud xegħlu bl-eċċitament hekk kif ħaseb għal mument.
“Għandi idea brillanti! Ejja mmorru fil-foresta!”



Il-Fenek waqaf u beda jaħseb.
Il-mamà u l-papà kienu wissewh dwar il-foresta.
Huma jħalluh biss imur sas-siġra l-kbira tal-ballut, jekk ma jkunux miegħu.

F'daqqa waħda, il-Fenek sema' ħoss stramb.
"Rrr-rrr-rrr."
"Ħoj, minn fejn ġej dan il-ħoss?"
Beda jħares madwaru.
"Rrr-rrr-rrr."
Il-Fenek ħakk widnejh, imħasseb fuq dan il-ħoss stramb!



“Ħoj, Qanfud, qed tisma’ dal-ħoss inti wkoll?” staqsa l-Fenek.

Il-Qanfud waqqaf widnejh biex jisma’ b’attenzjoni.

“X’ħoss hu? Mhu qed nisma’ xejn!”

Il-Fenek beda jxengel rasu. Mela forsi kien qed jimmaġina.



Huma jaslu fit-tarf tal-foresta.
“Int ġej?” jgħajjat il-Qanfud.
“Ma nafx.” Iaqlaq il-Fenek.
“Il-mamà u l-papà qaluli biex ma nidħolx fil-foresta
meta ma nkunx magħhom.”



“Tkunx beżżiegħ!” Qallu l-Qanfud.
“Jien għandi x-xewk. Mhu ħa jiġrilna xejn.”
Il-Fenek kien kurjuż għax kien sema’ ħafna
stejjer fuq il-foresta.





U barra minn hekk, ma kienx waħdu.
Flimkien ċertament aktar sikuri.
“Rrr-rrr-rrr”
X’inhu dal-ħoss?” staqsa l-Fenek,
filwaqt li baqa’ jimxi wara l-Qanfud
fil-foresta.

L-Fenek u l-Qanfud daħlu aktar 'il ġewwa fil-foresta.
Huma mxew tul in-nixxigħat u l-mogħdijiet tal-foresta, jaraw is-siġar ħodor, u fjuri ħomor, u għal mument insew fejn qegħdin.



F’daqqa waħda, jisimgħu tħaxwix ġej mill-arbuxxelli fil-qrib.
Jinħasdu u jieqfu jaħsbu x’jista’ jkun hemm fihom.
“Tgħid minn hawn ġej dak il-ħoss stramb?” jaħseb il-Fenek.

Denb aħmar u sufi joħroġ mill-arbuxxelli.
“Hello, minn hemm?” jistaqsi l-Qanfud.
“Jien fenek.” Wieġeb l-annimal.



Żewġ widnejn ħomor u sufin joħorġu mill-arbuxxelli.
"Dawk mhumiex widnejn ta' fenek!" Għajjat il-Fenek.
"Dażgur li huma!" Qallu l-annimal.
"Ersqu lejja ħa taraw."



Il-Fenek ħass li kien hemm xi ħaġa stramba.
Id-denb aħmar sufi u l-widnejn jistgħu jfissru biss ħaġa waħda: volpi!

“Rrr-rrr-rrr.”
Il-ħoss issa huwa aktar qawwi minn qabel.

RRR RRR RRR

“Irridu noħorġu minn hawn, Qanfud!
Inkella, se nispiccaw ikla tajba għall-volpi!”
Qalbhom bdiet tħabbat ħafna hekk kif bdew jiġru ’l barra mill-foresta.



Il-ħbieb jaslu f'post miftuħ fil-foresta.
"Fejn qegħdin?" Staqsa l-Fenek inkwetat.
"M'iniex ċert." Iwieġeb il-Qanfud, iħokk rasu.
"Imma naf li qegħdin 'il bogħod minn Harefield."



"Rrr-rrr-rrr."




Il-Fenek jaqbeż bil-ħasda. "Smajtu?"
Imma l-Qanfud għadu ma jista' jisma' xejn.





"Hemm!" Għajjat il-Qanfud. "Is-siġra l-kbira tal-ballut."

Is-siġra tal-ballut tidher kbira fuq il-foresta.

"Jekk nimxu lejn is-siġra tal-ballut, żgur li se nerġgħu lura lejn Harefield."



Il-Fenek u l-Qanfud ikomplu jimxu u jimxu.
“Ma naħsibx li qed noqorbu lejn id-dar.” Ikkonfonda l-Fenek.
F’daqqa waħda, l-art bdiet titriegħed.
Passi kbar bdew jinstemgħu jersqu qrib tagħhom.





“Orsijiet!” Għajtu l-Fenek u l-Qanfud u
malajr staħbew wara l-arbuxxell.
Familja ta’ orsijiet tgħaddi minn ħdejn l-arbuxxell.
Ors żgħir jidher bilqiegħda fuq dahar ommu.
“Ara, hemm ors żgħir ukoll”, qalu l-ħbieb minn taħt l-ilsien.
“Forsi l-orsijiet mhumiex daqshekk tal-biża’ wara kollox?”

"Tgħid ngħidulhom jgħinuna? Inkella, qatt ma se naslu d-dar."
Qal il-Qanfud jibki.

"Rrr-rrr-rrr!"

Il-ħoss issa huwa aktar qawwi minn qatt qabel.
"Ejja." Qal il-Fenek. "Tlaqna."



"Ħ…ħ…ħello ." Jgħid il-Fenek mistħi lill-familja tal-orsijiet.
"Intlifna. Tistgħu forsi turuna t-triq lejn Harefield?"



“Dażgur.” Qal wieħed mill-orsijiet.
“Qed tarawhom dawk il-fjuri ħomor sbieħ hemmhekk?”
“Ibqgħu segwuhom sakemm taslu sal-għadira l-kbira.
Meta taslu fejn l-għadira l-kbira, duru fuq ix-xellug.
Ftit aktar ’il quddiem, taraw is-siġra l-kbira tal-ballut.
Meta taraw is-siġra, tkunu kważi wasaltu.”



Il-ħbieb irringrazzjaw lill-familja tal-orsijiet u komplew bil-vjaġġ tagħhom. Imxew tul il-mogħdija mimlija fjuri ħomor sbieħ. Kull fjura saħansitra aktar sabiħa minn ta' qabilha.





“Ara!” Għajjat il-Qanfud. “L-għadira l-kbira!”
Eżatt bħalma qalulhom l-orsijiet.
Il-ħbieb jgħaġġlu lejn l-għadira.
Fil-bogħod, bdew jaraw il-quċċata tas-siġra l-kbira tal-ballut.
“Kważi wasalna d-dar!” Il-Fenek u l-Qanfud bdew jifirħu.



Ftit wara, kienu weqfin quddiem is-siġra l-kbira tal-ballut.
Kokka kienet qegħda fuq fergħa fl-għoli.
Kienet xiħa ħafna, kellha mill-inqas mitt sena.
"Ħello, Kokka!" bdew jgħajtu l-Fenek u l-Qanfud ferħanin.
Il-Kokka staqsithom x'kienu qed jagħmlu fil-foresta.
Il-Fenek jgħidilha dwar l-avventuri tagħhom u l-ħoss
stramb li semgħu.



“Taf x’inhu dak il-ħoss stramb?” Il-Fenek jistaqsi lill-Kokka.

“Iva naf” Tghid il-Kokka .

“Iftaħ widnejk sew, u tisimgħu.”

Il-Fenek beda jisma’ b’attenzjoni.






Imbagħad, sema' żaqqu tagħmel il-ħoss stramb.

"Rrr-rrr-rrr."

"Dal-ħoss ġej minni!" jgħid sorpriż il-Fenek.

Beda jmiss żaqqu.

“Hekk hu.” Qalet il-Kokka.
“Dik hija l-kuxjenza tiegħek, speċi ta’ vuċi ġewwa fik.
Il-kuxjenza tiegħek tgħidlek meta xi ħaġa tħoss li hi tajba jew ħażina.
Jekk titgħallem tafdaha, il-kuxjenza tiegħek tgħinek tieħu deċiżjoni.”



Il-Fenek juri b'rasu li qed jaqbel.
Hu jaħseb dwar l-avventuri kollha fil-foresta.
Il-kuxjenza tiegħu wkoll ippruvat tgħinu llum.
Minn issa 'l quddiem, dejjem nisma' dak li tghidli l-kuxjenza tieghi,
jaħseb il-Fenek.



Il-Fenek u l-Qanfud qagħdu bilqiegħda fuq għolja ħadra ħdejn is-siġra l-kbira tal-ballut.
Waqa' l-kwiet hekk kif bdew jaraw ix-xemx nieżla fuq Harefield.

F'daqqa waħda, żaqq il-Qanfud għamlet ħoss qawwi.
"Dik il-kuxjenza tiegħi?" staqsa l-Qanfud.
Il-Fenek beda jidħaq. "Le, għax qed nismagħha jien ukoll.
Naħseb li għandek il-ġuħ. Għadek ma kilt xejn illum!"



U hekk, l-avventura tal-Fenek u l-Qanfud tispiċċa b'żaqq tgerger u t-tagħlima li jistgħu jafdaw il-kuxjenza tagħhom matul l-avventura li jmiss.



# Lil-narraturi

L-Avventura Tal-Fenek hija maħluqa bil-għan li t-tfal jiġu mgħallma kif jipproteġu lilhom infushom milli jintilfu.

Kull sena, 300,000 tifel u tifla jintilfu fl-Ewropa. Biex jitnaqqas dan in-numru xokkanti, huwa importanti li t-tfal minn età żgħira jiġu mgħallma l-ħiliet u l-għarfien li jeħtieġu biex jibqgħu sikuri.

Bl-Avventura Tal-Fenek, it-tfal huma pprovduti b'regoli importanti b'mod umoristiku u pożittiv. Dawn ir-regoli huma bbażati fuq ħames pariri minn esperti fil-qasam tat-tfal neqsin:

- Dejjem afda l-istint tiegħek. Jekk xi ħaġa ma tħossx li hi sew, tagħmiliex .
- Qatt tmur xi mkien waħdek. Huwa aktar sikur li mmorru flimkien.
- Tmurx ma' xi ħadd li ma tafx jew li ma tkunx qed tistenna.
- Itlob ġenituri oħra għall-għajnuna jekk tintilef.
- Tgħallem ħu nota ta' postijiet familjari. Dan jagħmilha aktar faċli biex issib triqtek lura.

Fil-qosor, L-Avventuri Tal-Fenek huwa mhux biss ktieb bl-istampi eċċitanti u sabiħ, iżda wkoll żieda siewja għall-edukazzjoni tat-tifel/tifla tiegħek.



# The AMBER Alert Europe Foundation

AMBER Alert Europe, iċ-Ċentru Ewropew għat-Tfal Neqsin, hija fondazzjoni li tistinka biex ittejjeb il-protezzjoni tat-tfal milli jiġu neqsin u biex tipprevjeni lit-tfal milli jiġu neqsin billi tagħtihom għarfien u tqajjem kuxjenza dwar il-kwistjoni tat-tfal neqsin u l-kawżi ewlenin tagħha. Aħna ngħaqqdu esperti minn 44 organizzazzjoni governattiva, b'mod partikolari ministeri tal-intern u forzi tal-pulizija, u organizzazzjonijiet mhux governattivi minn 28 pajjiż fil-missjoni tagħna lejn xejn tfal neqsin fl-Ewropa.

www.amberalert.eu



# L-AVVENTURA TAL-FENEK

Fl-Avventura tal-Fenek, il-Fenek u sieħbu l-Qanfud imorru avventura fil-foresta, iffittxu ħoss stramb li l-Fenek biss beda jisma'. Matul it-triq, jiltaqgħu ma' ħbieb ġodda u jsibu ruħhom f'sitwzzjonijiet interessanti. Tgħid il-Fenek u l-Qanfud jirnexxielhom isibu l-misteru ta' minn fejn ġej il-ħoss stramb?

